MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1233/2005

**Charles Sammut**

**Vs**

**Virtu Ferries Ltd**

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob:

1. Dikjarazzjoni li s-socjeta konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwali taghha mal-attur u mas-sewwieq tal-vettura BBL 717 inkarigat mill-attur.
2. Tiddikjara li s-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni u tali kisret id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1032(1) u 1033 tal-Kodici Civili.

3. Tillikwida d-danni li sofra l-attur minhabba telf ta' qliegh.
4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur skond l-Artikolu 1047 tal-Kodici Civili.

L-ilment tal-attur hu li fid-19 ta' Dicembru 2005 l-vettura BBL 717 ma thallitx titla' fuq il-bastiment tal-kumpannija konvenuta. Din il-vettura kienet qeghda ggorr merkanzija tal-attur. Minflok thallew jitilghu fuq il-bastiment vetturi ohra li kienu wara l-vettura fuq imsemmija. Agir li fil-fehma tal-attur jikser l-obbligi kuntrattwali li kellha l-kumpannija konvenuta fil-konfront tal-attur, u konsegwentement fil-konfront ta' Raymond Cini u Ivan Hallett li kienu gew inkarigat mill-attur sabiex igorru l-merkanzija lejn Malta. L-attur kompla jilmenta li l-vettura BBL 717 kienet qeghda ggorr merkanzija sabiex tinbiegh f'dawn il-gzejjer fil-gimgha ta' qabel il-Milied u l-bejgh intilef peress li l-vettura waslet Malta l-Hamis 22 ta' Dicembru. L-attur isostni li kien tard wisq sabiex il-merkanzija tinbiegh bil-valur taz-zmien il-Milied u dan minhabba n-nuqqas tal-kumpannija konvenuta. L-attur qal li sofra danni li kien jikkonsisti f'telf ta' qliegh fuq il-merkanzija.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-10 ta' Marzu 2006 il-konvenuta wiegbet (fol. 25):-

1. Id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa ma l-att tac-citazzjoni m'hijiex konformi mal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 peress li l-paragrafi m'humiex numerati.
2. Id-dokumenti annessi mac-citazzjoni m'humiex awtentikati kif jitlob l-Artikolu 191(2) tal-Kodici Civili.
3. Is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-attur u ghalhekk m'ghandux *locus standi* sabiex jaghmel dawn il-proceduri fil-konfront tal-kumpannija konvenuta.
4. Ray Cini u Ivan Hallett m'humiex parti fil-kawza u ghalhekk ma jistghux jintlaqghu talbiet fil-konfront taghhom.
5. Jekk jinstab li hemm kuntratt bejn il-partijiet, il-konvenuta ma kisret l-ebda obbligu kuntrattwali li kellha.

6. Jekk jinstab li kien hemm kuntratt bejn il-partijiet u li l-konvenut kisret l-istess, f'ebda kaz ma tista' tinstab responsabbli ghad-danni li jippretendi l-attur.
7. Il-konvenuta ma kellha ebda obbligu li seta' jaghti lok ghal responsabbilta taht l-Artikoli 1032(1) jew 1033 tal-Kodici Civili.
8. Bla pregudizzju, il-konvenut m'hijiex f'qaghda li tikkontesta l-quantum tad-danni pretizi mill-attur ghaliex id-danni ghadhom m'humiex likwidati u l-ammont li jissemma fis-sekwestru 1988/05 hu ammont arbitrarju bla ma jidher li hu msejjes fuq ebda dokument jew komputazzjoni da parti tal-attur. Ghalhekk il-konvenuta tirrizerva li tikkontesta l-quantum tad-danni mitluba hekk kif dawn jigu likwidati mill-attur.

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri.

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**.

Ghalkemm il-paragrafi m'humiex numerati, dan ma jwassal ghall-ebda pregudizzju lill-konvenuta. Ghalhekk din l-eccezzjoni nghatat bla bzonn.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>**.

Eccezzjoni ohra bla bzonn in kwantu l-attur ipprezenta d-dokumenti originali fil-kors tas-smiegh tal-provi. Ghal dak li jikkoncerna d-dokumenti a fol. 7 u 8 m'hemmx kontestazzjoni li huma kopja tal-biljetti tal-vjagg li kellu jsir fis-17 ta' Dicembru 2005. Fil-fatt Henri Saliba, direttur tal-kumpannija konvenuta, ikkonferma li dawn id-dokumenti huma t-tickets u l-*conditions of contract* li kienu japplikaw ghall-vjagg in kwistjoni (fol. 99).

**<u>Tielet u raba' eccezzjoni</u>**.

Il-kumpannija konvenuta ghandha ragun limitatament fir-rigward tal-ewwel talba li taqra:-

*“Tiddikjara li s-socjeta konvenuta kisret l-obbligi kuntrattwali taghha ma’ l-attur u mas-sewwieq tal-vettura BBL 717 li kien imqabbad mill-attur.”*.
Mill-atti jirrizulta li l-kuntratt ghall-garr tal-vettura BBL 717 fuq il-catamaran sar ma’ Raymond Cini u mhux l-attur. L-attur m’ghandu l-ebda jedd li jilmenta minn ksur ta’ obbligi kuntrattwali li seta’ sar fil-konfront ta’ terzi persuni (Raymond Cini). F’dan ir-rigward il-kumpannija konvenuta ghandha ragun tghid li:

*“Ray Cini u Ivan Hallett, imsemmija fit-talbiet u fil-premessi tac-citazzjoni, mhumiex parti mill-kawza, u kwindi ma jistghux jintlaqghu talbiet fil-konfront taghhom.”*.

Mhux l-istess jinghad fir-rigward tat-tieni talba li hi bazata fuq l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. M’hemmx kontestazzjoni li fil-vettura kienet qeghda tingarr merkanzija proprjeta’ tal-attur.

**Meritu**.

Mill-atti jirrizulta li l-attur jixtri merkanzija minn Sqallija u jbieghha fis-suq lokali. It-trukk BBL 717 flimkien ma’ vettura ohra IAF 104 kellhom jaslu Malta fis-17 ta’ Dicembru 2005. L-attur iddikjara li *“.... minhabba maltemp is-socjeta konvenuta kkancellat l-vjagg skond id-drittijiet kuntrattwali li kellha mas-sewwieqa tat-trukkijiet ikkommissjonati mill-attur.”*. Fil-fatt wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt tipprovdi:-

*“The Company resereves the right to dealy, cancel or reroute the sailing of the vessel without prior notice whether on the outbound or inbound journey, if this is required for safety or technical reasons or due to force majeure. In the event of cancellations, the Company shall refund the unutilised portion of the ticket but shall in no circumstances whatsoever be liable for any direct, indirect or consequential loss or damage caused thereby and will not accept any claim to reimburse any supplementary expenses.”* (fol. 8).

Irrizulta li l-catamaran telaq minn Sqallija fid-19 ta' Diċembru 2005. It-tluq kien programmat ghas-sebgha ta' filghaxija (fol. 32). Il-vetturi IAF 104 u BBL 717 waslu tard. Ix-xhud Brenda El Khazmi (Chief Purser) spjegat[1]:-

*"Irrizulta li dakinhar il-catamaran mhux biss kien mimli izda li kien hemm zewg vetturi ohra li ma kellhomx booking izda kienu fuq waiting list. Komplejna nistennew sas-sebgha neqsin ghaxra ta' filghaxija (jigifieri sa ghoxrin minuta wara li suppost kien lest ic-check in) u dan kien diga' aktar minn dak li stajna nistennew ghaliex f'ghaxar minuti certament li ma kienx ser jirnexxielna nghabbu lil kullhadd u nitilqu fis-sebgha kif suppost....Kif ghidt fis-sebgha neqsin ghaxra hadna decizjoni li ma stajniex nistennew aktar u accettajna lil dawk iz-zewg vetturi li kienu fuq il-waiting list. Wara komplejna bil-boarding..... Bejn wiehed u iehor hames minuti qabel is-sebgha ta' filghaxija, tfaccaw Hallett u Cini fuq il-moll u nfurmajthom li issa kien tard wisq u li kienu tilfu posthom. Madankollu, sabiex nippruvaw nakkomodaw kemm nistghu rajna kif ghamilna u ghabbejna biss trukk wiehed minn dawn it-tnejn. Konna ghabbejna t-trukk misjuq minn Ivan Hallett. Assolutament ma kienx ghad baqa' post ghat-tieni wiehed u ma stajniex naghmlu mod iehor."* (fol. 102 – 103).

Skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt il-passiggieri bil-vetturi ghandhom ikunu prezenti siegha qabel it-tluq tal-bastiment mill-port. Inoltre, *"Check in closes half an hour prior to every departure."*. Mix-xhieda li ressqet il-kumpannija konvenuta, jirrizulta li l-vetturi misjuqa minn Raymond Cini u Ivan Hallett waslu wara dan il-hin. Xhieda li ma gietx kontradetta. Hu ghalhekk evidenti li f'dak l-istadju l-kumpannija konvenuta ma kellha l-ebda obbligu li ttella' l-imsemmija vetturi fuq il-catamaran. L-attur ma jistax jilmenta li wahda mill-vetturi baqghet l-art gialadarba rrizulta li fil-hin li waslu l-passiggieri bil-vetturi li fihom kienet qeghda tingarr il-merkanzija tal-attur, dak il-hin ma

[1] Ara wkoll deposizzjoni ta' Guglielmo Puzzo, manager: *"Just before seven o'clock in the evening, the two trucks that were late turned up. We informed them that they had lost their place on the Catamaran. However, we tried as much as possible to accomodate and we managed to fit in one truck – the one driven by Ivan Hallett."* (fol. 97).

kienx hemm iktar post ghaz-zewg vetturi. L-attur ma kkontestax li l-vetturi waslu tard. Pero' jidher li jippretendi li l-vettura kellha tithalla titla' fuq il-catamaran ghaliex jallega li vetturi ohra li waslu wara kienu ttellghu (ara per ezempju ittra legali a fol. 35). Prova ta' dan m'hemmx. F'kull kaz jekk dak allegat hu minnu, ma jfissirx li l-ufficjali tal-kumpannija konvenuta kellhom xi obbligu li jaghtu xi preferenza lill-vettura BBL 717. Ix-xhieda li ressqet il-kumpannija konvenuta spjegaw kif minhabba d-daqs tal-vetturi li fuqhom kienet mghobbija l-merkanzija tal-attur, kellhom jitpoggew f'parti partikolari tal-bastiment. Ir-raguni tghidlek li kieku kien possibbli kif ittellghet il-vettura misjuqa minn Ivan Hallett (IAF 104) kienet tittella' l-ohra (BBL 717). In-nuqqas ma kienx tal-kumpannija tal-konvenuta izda tal-passiggiera li waslu tard ghal *boarding* fuq il-*catamaran*.

F'kull kaz fir-rigward tal-pretensjoni ghad-danni, il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lill-attur jixhed *viva voce* fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012. L-attur ikkonferma li l-merkanzija mghobbija fuq il-vettura BBL 717 kienet inbieghet kollha ghall-prezz inqas; *"Kelli innaqqas certu prezzijiet peress li dan kien fiz-zmien il-Milied u l-persuna li riedet tixtri tilfet l-interess, ghalhekk jien kelli inrahhaslu."* (fol. 68). Pero' ma ta l-ebda taghrif dwar id-data meta nbieghet u l-prezz li ghalih inbieghet; *"Mistoqsi jekk jien zammejtx dan it-taghrif dwar dan it-tnaqqis li qed nghid li ghamilt, inwiegeb fin-negattiv."* (fol. 68). Ghalhekk f'kull kaz ma tifhimx kif jippretendi li l-qorti tillikwida xi ammont ghall-allegat telf ta' qliegh.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**
**2. Tichad it-tieni eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**
**3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni limitatament fir-rigward tal-ewwel talba. Tilqa' wkoll ir-raba' eccezzjoni. Tichad l-ewwel talba. Spejjez a karigu tal-attur.**
**4. Tiddikjara li m'hemmx htiega li tippronunzja ruhha dwar il-hames u sitt eccezzjoni gialadarba l-**

**qorti ddecidiet li ma kien hemm l-ebda kuntratt bejn il-kontendenti.**
**5. Tilqa' s-sebgha (7) eccezzjoni u tichad il-kumplament tat-talbiet tal-attur.**

**Salv ghal dak li jinghad hawn fuq spejjez huma a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------